Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Sajd

2020/0302(COD)

29.4.2021

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (*Thunnus thynnus*) u r-revoka tar-Regolament (UE) Nru 640/2010
(COM(2020)0670 – C9-0336/2020 – 2020/0302(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Gabriel Mato

(Proċedura simplifikata - Artikolu 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (*Thunnus thynnus*) u r-revoka tar-Regolament (UE) Nru 640/2010
(COM(2020)0670 – C9-0336/2020 – 2020/0302(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0670),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0336/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Jannar 2021[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kuntest tal-proposta

L-Unjoni Ewropea ilha Parti Kontraenti fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni tal-ICCAT") mill-1997.

Il-Konvenzjoni tal-ICCAT tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u tal-ispeċijiet li jixbhu lit-tonn fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra ta' madwaru permezz tat-twaqqif ta' Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("ICCAT").

L-ICCAT għandha l-awtorità li tadotta rakkomandazzjonijiet vinkolanti għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sajd fil-kompetenza tagħha. Dawn l-atti huma essenzjalment indirizzati lill-Partijiet Kontraenti tal-ICCAT, bħall-Unjoni, iżda jinkludu wkoll l-obbligi għall-operaturi privati (eż. il-kaptani tal-bastimenti).

Il-kontenut tal-proposta

Din il-proposta [COM(2020)670] tistabbilixxi r-regoli għal Programm għad-Dokumentazzjoni dwar il-Qabdiet tat-Tonn tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-ICCAT, skont l-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tat-Tonn (*Thunnus thynnus*). L-għan ta' din tal-aħħar huwa li tidentifika l-oriġini tat-tonn *Thunnus thynnus* kollu.

Programm ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-Unjoni huwa fil-fatt diġà fis-seħħ, skont ir-Regolament (UE) Nru 640/2010. Fil-proposta li qed tiġi kkunsidrata bħalissa, li hija maħsuba biex tħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010, ir-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qabdiet u tal-avvenimenti kummerċjali sussegwenti tat-tonn *Thunnus thynnus* isiru permezz ta' sistema elettronika għad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn (eBCD) li ilha tiffunzjona mill-2017 u li l-Istati Membri u l-operaturi diġà jużaw. Il-proposta tistipula li s-sistema elettronika tista' tiġi sostitwita, b'mod eċċezzjonali, b'dokumenti tal-karta (il-BCD, id-Dokument dwar il-Qabdiet tat-Tonn) li jkunu ekwivalenti għar-rekwiżiti tas-sistema elettronika.

Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' dokumenti dwar il-qabdiet u r-riesportazzjoni tat-tonn u tistabbilixxi regoli għar-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qbid u l-avvenimenti kummerċjali sussegwenti tat-tonn *Thunnus thynnus*. Regoli speċifiċi huma stabbiliti għal ħut ittikkettat. Fiha wkoll dispożizzjonijiet għall-verifika qabel il-validazzjoni, it-trażmissjoni tad-data tal-utenti tal-eBCD u r-rappurtar annwali lill-ICCAT. Fl-aħħar nett, hija tipproponi użu estensiv ta' atti delegati biex jiġi modifikat l-att bażiku fil-futur (fl-Artikolu 14).

L-opinjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni wettqet eżerċizzju ta' traspożizzjoni stretta tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, u b'hekk stabbiliet kondizzjonijiet ekwivalenti ta'

kompetizzjoni għall-operaturi kollha. L-iżgurar ta' kundizzjonijiet identiċi għal kulħadd, filwaqt li jiġu promossi l-istandards għoljin ta' sostenibbiltà tal-UE għall-flotot barranin permezz ta' azzjoni tal-UE fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fora internazzjonali oħra, huwa kruċjali għall-operaturi tagħna u għat-titjib tal-governanza internazzjonali tal-oċeani.

Ir-rapporteur jemmen li huwa importanti, fir-rigward tal-operaturi, il-pubbliku u l-pajjiżi sħab tagħna, li l-Kummissjoni tipproponi traspożizzjoni rapida tar-Rakkomandazzjonijiet tal-RFMOs, sabiex jiġi evitat dewmien fl-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet. Mhuwiex loġiku li r-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jmorru lura għall-2018 u li jistabbilixxu skadenzi għall-2020 jiġu adottati fl-2021.

Fid-dawl ta' dan, u peress li dan il-fajl jinvolvi eżerċizzju ta' traspożizzjoni teknika ħafna mingħajr kontenut politiku sostanzjali, ir-rapporteur iddeċieda li ma jressaq l-ebda emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.